CCT/65/21/S

Carmel Aquilina

Vs

Burmarrad Commercials Ltd (C13537)

Illum 26 ta' Settembru,2024.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmel Aquilina ippreżentata fl- 20 ta' April, 2021 kif ukoll ir-risposta tas-soċjeta' Burmarrad Commercials Ltd ippreżentata fit-22 ta' Settembru, 2021.

Ra d-dokumenti preżentati, sema' lill-partijiet u x-xhieda mressqa u t-trattazzjoni magħmula waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2024.

Ikkunsidra

Illi l-ilment ta' Carmelo Aquilina jirrigwarda vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni ACE 061, fdata lis-soċjeta' intimata li kellha tagħmel diversi riparazzjonijiet u li skont l-attur ċertu partijiet li ma kinux relatati mal-ħsarat ġew sostitwiti b'partijiet iktar qodma u iktar imkabra.

Illi is-soċjeta' intimata ikkontestat dak mitlub mir-rikorrent.

Illi skont ir-rikorrenti Carmel Aquilina inbidlu oġġetti li kienu għadhom tajbin fosthom fanali u *terminals* u għalhekk qed jitlob is-somma ta' €3,500 talli fdalhom il-vettura tiegħu għat-tiswijiet li ma seħħux u li ma kienx sodisfatt

bir-riżultat tar-riparazzjonijiet lis-soċjeta' wetqet fuq l-istess vettura.

Illi jinagħad li min jallega jrid jipprova u mill-provi miġbura jidher illi dak allegat mir-rikorrenti ma ġiex pruvat u cioe' illi inbiddlu *parts* li ma kellhomx jinbidlu u li inbidlu b'*parts* iktar antiki u iktar imkabra.

Illi għalhekk l-obligu tal-prova kien fuq is-Sur Aquilina pero' eżami tal-provi u tal-atti juri illi din it-tali prova hija kompletament nieqsa.

Illi għalhekk dan it-Tribunal iħoss li mill-provi imressqa ir-rikorrenti Carmel Aquilina ma rnexxielux jipprova dak minnu allegat.

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta u iċ-ċirkostanzi tal-każ, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrenti Carmel Aquilina filwaqt li Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' Burmarrad Commercials Ltd. B'kull parti tħallas l-ispejjeż tagħha ta' dawn il-proċeduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru